# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 10 ta' Novembru 2015**

**Kawza Numru : 21**
**Rikors Guramentat Numru : 494/2015/LSO**

**Johann Gaffarena (I.D. 499181 M)**

**vs**

**Sameh Fenech**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors guramentat ta' Johann Gaffarena datat 22 ta' Mejju 2015 fejn espona: -

Illi r-rikorrenti huwa sid il-fond bin-numru 8, Sqaq numru *2,* Triq Barrakki, Qormi.

Illi l-intimata qieghda tokkupa dan il-fond minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

Illi r-rikorrenti talab lill-intimata sabiex tizgombra minn dan il-fond u li tirritorna c-cavetta tal-fond, izda din baqghet inadempjenti.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Tghid ghalhekk l-intimata, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi, ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti tiddeciedi billi:

1. Tiddikjara li l-intimata qieghda tokkupa l-fond numru 8, Sqaq numru 2, Triq Barrakki, Qormi minghajr ebda titolu validu fil-ligi; u

2. Tordnaha sabiex fi zmien qasir u perentorju tizgombra minn dan il-fond u tirritorna lir-rikorrent ic-cavetta tal-istess fond.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-7 ta' Lulju 2015.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2015 meta ssejhet il-kawza deher Dr Keith Bonnici ghar-rikorrent. Il-konvenuta msejha tliet darbiet ma dehretx. Dr Bonnici

ghamel referenza ghall-sentenza mill-Qorti tal-Appell datata 16 ta' April 2004, Cit Nru 1199/1999 fl-ismijiet "Joseph Gaffarena et vs Mixer Ltd".

**Inghatat sentenza:**

“Il-Qorti,

Rat il-premessi u t-talbiet imressqa mill-attur.

Rat il-kapitolu prezentat mill-attur, u l-atti tal-kawza.

U billi l-konvenuta ma dehritx fis-seduta tal-lum u lanqas fis-seduta precedenti, tqis il-kapitolu bhala moqri u mistqarr. Ghaldaqstant, taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tal-attur u tordna li l-intimata sabiex tizgombra mill-fond in mertu fi zmien xahar mil-lum.

L-ispejjez gudizzjarji ghandhom jithallsu mill-intimata.”

Il-kawza giet deciza.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**10 ta’ Novembru 2015**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**10 ta’ Novembru 2015**